**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 30 ta' Ottubru, 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Camilleri)**
**-vs-**
**Natasha Bugeja detentriċi tal-karta tal-identità 311798M**
**U**
**Helen Bugeja detentriċi tal-karta tal-identità 108894M**

*Kumpilazzjoni Nru. 258/2021*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputati **Natasha Bugeja** u **Helen Bugeja** u ċioe` talli:

> bejn l-1 ta' Settembru 2020 u 30 ta' Novembru 2020, f'ħinijiet u postijiet differenti ġewwa dawn il-gżejjer:
>
> 1. Wettqu frodi b'egħmil qarrieqi billi b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex tqanqlu tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, biex jagħmlu qliegħ għalihom jew għal persuni oħra, b'valur tal-ħsara li jeċċedi l-ħames mitt euro (€500) iżda ma jeċċedix il-ħames t'elef (€5000) euro, għad-dannu ta' Shagana Azzopardi u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra;

2. U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi, għamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqu pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien minn obbligi, jew billi f'dawn l-atti jew skritturi wara li ġew iffurmati, inkella billi żiedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw ;

3. U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi sabiex tiksbu xi vantaġġ jew benefiċċju għalihom infushom jew ghal ħaddiehor f'dokument maħsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw tagħrif falz;

4. U aktar talli fl-istess, dati, lok u ħin u ċirkostanzi sabiex jiksbu xi vantaġġ jew benefiċċju għalihom infushom jew ghal ħaddiehor f'dokument maħsub u li ma jkunx intiż ghal xi awtorità pubblika, xjentement għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw tagħrif falz;

Lil Natasha Bugeja waħidha:

Talli naqset milli tħares il-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Dr. **Anthony Vella** LL.D fid-digriet tiegħu ta' **8 ta' Frar 2018** li bih taha l-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet u dan taħt garanzija personali ta' **9,000 Euro u depożitu ta 1,000 Euro** skond l-Artikoli 579 (1) (2) (3) ta' Kap.9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna r-riarrest ta' l-imsemmija Natasha Bugeja, kif ukoll tordna li s-somma ta **għaxar (€10,000)** bħala garanzija personali u depożitu jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba titratta mal-imputata **Natasha Bugeja** li rrendiet ruħha reċidiva b'diversi sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan bi ksur tal-artikoli **49 u 50** tal-Kap.9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-

proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat,

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fl-14 ta' Marzu, 2024.

**Il-Provi**

Fil-Current Incident Report jingħad kif ċertu Shagana Azzopardi rrapportat kif saret taf mill-Melita li persuna injota kienet għamlet kuntratt magħhom bid-dettalji tagħha. Dan il-kont kien rigward numru telefoniku 77788893 u miegħu kien hemm mehmuż kopja tal-liċenzja tas-sewqan ta Azzopardi bil-firma fuq il-liċenzja tkun differenti minn dik li tidher fuq il-kuntratt li hu datat il-15 ta' Settembru, 2020. Azzopardi żiedet li żmien qabel irċeviet ċitazzjoni li hi kienet ċerta li ma kienitx weħlet hi. Kompliet tispjega kif fit-23 t'Ottubru, 2023, ċerta Natasha Bugeja kienet telgħat post li ntilef kelb fejn il-mobile indikat kien propju dak li kien sar il-kuntratt dwaru. Ix-xhud semmiet ukoll kif fis-7 ta' Marzu 2019 kienet għamlet rapport li ġiet misruqa f'darha u s-suspett tagħha kienu f' Tyson Bugeja li kien l-ex sieħeb tagħha u hu l-imputati. Aktar il-quddiem saret taf li kienu tnaqqsulha xi punti mill-liċenzja u meta rrikorriet għand Transport Malta ġiet mgħarrfa li biex punti mnaqqsa jinqalbu fuq persuna oħra kien hemm ħtieġa li ż-żewġ partijiet jiffirmaw dikjarazzjoni.

Fid-9 ta' Diċembru Azzopardi irraportat ukoll li xi ħadd uża l-liċenzja tagħha biex kera vettura minn J&K Rentals Co. Ltd u l-ammont dovut kien ta €3,166.61. Mhux talli hekk iżda fuq dan l-ammont kien sar *overdraft* mal-BOV fuq iż-żewġ kontijiet tagħha fejn f'wieħed minnhom kienet tirċevi l-flus tar-relief li, b'konsegwenza ta' mandat ta' qbid fuq l-imsemmija kontijiet, kienu qed imorru biex jaqtaw dak id-dejn.

Fl-10 ta' Diċembru rappreżentant għall-kumpanija J&K Rentals Co. Ltd informa lill-Pulizija li Azzopardi ma kienitx il-persuna li kriet il-vettura mill-istabbiliment tagħhom iżda kienet ipproduċiet il-liċenzja ta' Azzopardi. Din kienet anke ffirmat kuntratt b'firma li kienet tixbah dik ta' Azzopardi. Semma kif irċieva messaġġ min-numru 77788893 li kien jgħid li qed jintbagħat minn Shagana u fih ġie mistoqsi jekk riedx jiltaqa' ma din Shagana minflok ma ħabibitha. Shagana Azzopardi konfermat li ma kienitx hi li bagħtet dak il-messaġġ.

Investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija wasslu sabiex jitressqu l-imputati odjerni biex iwieġbu ghal reati lilhom addebitati.[1]

Ġiet preżentata kopji tad-digriet u kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest akkordat lil Natasha Bugeja nhar it-8 ta' Frar, 2018 mill-Maġistrat Dr. Anthony Vella fejn kien sar depożitu ta' elf ewro u garanzija personali ta' disat elef ewro.[2]

Kopja tas-sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr. Francesco Depasquale nhar il-21 ta' Ġunju 2016, Natasha Bugeja ingħatat multa.[3]

Fi **stqarrija[4]** rrilaxxata minn Natasha Bugeja din ikkonfermat il-post li tefgħet fuq Facebook fejn talbet sabiex tiġi mgħejuna biex tinstab il-kelba. Ikkonfermat il-Facebook post ukoll.[5] Dwar il-kuntratt mal-Melita stqarret li dan sar għan-nom tagħha minn Shagana Azzopardi u li hi kienet tagħmel użu min-numru 77788893. Iżżid li ma tafx għaliex is-servizz ġie maqtugħ. Innegat li kellha l-liċenzja tas-sewqan t'Azzopardi kif ukoll li ma kienitx taf dwar is-serqa fejn Azzopardi ittieħdulha l-*identity card*, il-Banif card, u l-liċenzja tas-sewqan flimkien ma żewġ *tablets* ghalkemm tgħid li l-liċenzja u l-*identity card* ġew ritornati minn Tyson lil Azzopardi.[6] Fit-tieni stqarrija tagħha nnegat li kienet għamlet xi trasferiment ta' *penalty points* ghal fuq il-liċenzja ta' Azzopardi kif ukoll li kriet vettura mingħand J&K Rentals.

L-**Ispettur Paul Camilleri** jagħti r-retroxena tal-investigazzjonijiet li saru sabiex wasslu biex jitressqu ż-żewġ imputati wara li kien sar ir-rapport minn Shagana Azzopardi. Is-*cctv footage* meħud mill-Melita juri liż-żewġ imputati jħallsu il-kont li ssemma. Ċertu Freddie Mansueto qal lil pulizija li kienet inxtrat vettura

[1] **Dok.A** a fol.3-4
[2] **Dok. G-J** a fol.11-14
[3] **Dok.O** a fol.21
[4] **Dok.L** a fol.16 et seq.
[5] Fol.16
[6] Fol.17

mill-imputati fejn dawn qalbu l-*penalty points* ghal fuq Shagana Azzopardi.[7] Xehed li ghalkemm ma kienx sar xi gwadann pekunjarju ċertament kien hemm gwadann fejn il-penalty points inqalbu fuq Azzopardi biex b'hekk ġiet evitata l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan. Ikkonferma li wara li Azzopardi u Tyson Bugeja ma baqawx flimkien ir-relazzjoni bejn l-imputati u Shagana ma kienitx waħda feliċi.[8]

Fost id-dokumenti li esebixxa l-Ispettur hemm il-kuntratt li sar mal-Melita,[9] kopja tal-liċenzja tas-sewqan ta' Azzopardi,[10] il-Facebook post rigward il-kelba bin-numru indikat ikun dak 77788893[11] u stqarrija ta' Samuel Zammit rappreżentant tal-Melita.[12]

L-**Ispettur Melvyn Zammit** filwaqt li ikkorrobora dak li xehed l-Ispettur Camilleri dwar l-investigazzjonijiet li segwew ir-rapport magħmul minn Shagana. Issemmi kif it-trasferiment tal-vettura u tal-penalty points minn fuq Mansueto ghal fuq Shagana Azzopardi sar minn ċertu Carmel Vella li għaraf lill-imputata Helen Bugeja bħala l-persuna li ffirmat it-trasferimenti.[13] Iddeskriva wkoll kif kien sar konfront bejn Azzopardi u Clayton Saliba Hersey, impjegat ma J&K Rentals, li kkonferma li ma kienitx Azzopardi li marret tikri l-vettura. Semma kif anke f'dan il-każ *penalty points* ġew trasferiti ghal fuq Shagana Azzopardi. Kien għalhekk li l-Ispettur Zammit kellem lil Carl Mark Pearsall li kkonferma li kien l-impjegat tiegħu li kien inkarigat jagħmel l-imsemmija trasferimenti.[14] Ġie deċiż li jressqu lil Natasha Bugeja minħabba li kienet hi li għamlet il-kuntratt ma Melita filwaqt li tressqet Helen Bugeja minħabba li kienet hi li għamlet id-dikjarazzjonijiet għat-trasferimenti tal-*penalty points* kemm ma J&K Rentals kif ukoll min fuq il-vettura ta' Mansueto, sid Chanlai Auto Dealer.[15]

Fi stqarrija li rrilaxxa Mansueto semma kif kien iffirma id-dikjarazzjoni għat-trasferiment tal-punti, liema dokument kien ingħata lill-impjegat tiegħu Charlie Vella vojt u ġie ritornat lilu minn Vella iffirmat. Vella kien qallu li Shagana Azzopardi kienet ħabiba jew kuġina ta' dawk li marru bil-karti. Fil-fatt Vella kkonferma dan kollu fl-istqarrija li rrilaxxa u żied li kien għaraf lill-waħda minn nisa li ġabu l-karti bħala l-imputata Helen Bugeja peress li kien biegħlha

[7] Fol.28-29
[8] Fol.30
[9] Fol.37 et seq
[10] Fol.50
[11] Fol.51
[12] Fol.52-53
[13] Fol.58-59
[14] Fol.59-60
[15] Fol.61

Mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni JBU637.[16] Ikkonferma dokumentazzjoni mibgħuta mill-LESA ndirizzata lil Shagana Azzopardi, fejn jintqal li Mansueto ser jiġi infurmat li il-firem fuq il-LES Penalty Form Declaration u tad-*driving licence* ma kienux jaqblu.[17]

Stqarrija rrilaxxata minn Pearsall tikkonferma dokumenti dwar trasferimenti tal-*penalty points* minn fuqu ghal ċertu Shagana Azzopardi iżda l-iskrivan tiegħu kien infurmah li min mar jikri l-vettura, Suzuki Baleno numru ta' reġistrazzjoni DQZ353, ma kienx l-istess persuna li tidher fuq il-liċenzja provduta u dan saru jafuh meta ltaqaw ma Azzopardi l-Għassa ta' Paola. Ma ġiehomx suspett qabel għaliex il-liċenzja kienet ilha li nħarġet. Il-lavrant kien Clayton Saliba Hersey biċ-ċellulari numru 99422422.[18] Ix-xhud Ikkonferma dokumentazzjoni mibgħuta mill-LESA ndirizzata lil Shagana Azzopardi, fejn jintqal li hu kien ser jiġi infurmat li il-firem fuq il-*LES Penalty Form Declaration* u tad-*driving licence ma kienux jaqblu.*[19]

L-**Ispettur Melvyn Zammit** ikkonferma bil-ġurament tiegħu id-dokumentazzjoni kollha esibita mill-Ispettur Camilleri, bħala **Dok.R**.[20]

**Shagana Azzopardi** xehdet li nhar it-3 ta' Marzu, 2019 Tyson Bugeja kien ħadilha affarijiet personali fosthom l-karta tal-identità w l-liċenzja tas-sewqan. Fit-12 ta' Novembru, 2020 bagħtet l-ommha tħallsilha kont tal-Melita u hemmhekk ommha ġiet mgħarrfa li hi kellha żewġ kontijiet u għalhekk staqsietha liema wieħed kellha tħallsilha. Meta l-għada rrikorriet il-*Head Office* tal-Melita ġewwa l-Imrieħel l-kont li ma kienx utilizzat minnha ġie terminat. Ingħatat numru tal-mobile li kien sar il-kuntratt dwaru w meta aċċessat fuq Facebook dak in-numru sabet li jappartjeni lil ċertu Leah Natasha li għarfitha bħala l-imputata Natasha Bugeja fejn kienet ippostjat in-numru li kien reġistrat f'isimha (Azzopardi) mal-Melita. Wara li għadda ftit żmien bdiet tirċievi informazzjoni li qed jitnaqqsulha punti iżda dawn ma kienux jirreferu għall-vettura tagħha. Gara wkoll li saret taf li kien hemm mandat ta' sekwestru fuq kont bankarju tagħha li sar minn J&K Rentals li wara meta iltaqgħet magħhom l-Għassa ta' Raħal il-Ġdid indunaw li ma kienitx hi li kriet mingħandhom u meta wriethom ritratt ta' Natasha Bugeja, ikkonfermaw li din kienet li kriet l-imsemmija vettura.

---

16 Fol.71-72

17 Fol.73-80

18 Fol.91-92

19 Fol.83-89

20 Vide xiehda a fol.62 fejn jikkonferma dokumenti li jinsabu a fol 32-57 u fol.64-102, lkoll formanti parti minn **Dok.R** li iżda jinsabu maqsumin bit-traskrizzjoni tax-xiehda tiegħu (fol.58-63).

Azzopardi għaddiet biex ikkonfermat dokumenti mibgħuta lilha mill-LESA li ġa saret riferenza għalihom. Saħqet li l-firem li saru fuq dokumenti tal-LESA, tal-kiri ma J&K Rentals kif ukoll tal-kuntratt mal-Melita ma sarux minnha.[21] Iddikjarat li l-kopja tal-liċenzja annessa mad-dokumentazzjoni kienet propju dik tal-liċenzja li ġiet misruqa lilha minn Tyson Bugeja flimkien ma deheb, *laptop* u *tablets*. Semmiet kif il-vetturi msemmija fuq id-Declaration Forms tal-LESA ma kienux jappartjenu lilha.[22] Il-kopja tad-dokumentazzjoni relatata mal-mandat ta' sekwestru li sar fuq il-kont bankarju tagħha ġabithom hi mill-Bank u spjegat kif kien ġej il-Milied meta sabet li kienu ittieħdulha fuq it-tlett t'elef mill-kont tagħha. Spjegat ukoll kif għamlet riċerka fuq Facebook dwar in-numru li tawha tal-Melita u hemm telgħa l-profile tal-imputata Natasha Bugeja.[23] Kompliet li minn cctv footage ta ħanut tal-Melita dehret Natasha Bugeja tħallas kont li kien ġie reġistrat fuq l-istess xhud.[24] Lejn tmiem ix-xiehda tagħha ssemmi li qatt ma kellha xi forma ta' ftehim mal-imputati, anzi kienet inħarġet garanzija wara li waħda mill-imputati kienet xeħtet petrol fuq vettura w ppruvat itiha n-nar.[25]

**Carl Pearsall** ikkonferma l-istqarrija[26] rrilaxxata minnu kif ukoll li kienet inkriet vettura mingħand J&K Rentals, Suzuki Baleno numru ta' reġistrazzjoni DQZ353 li ma ġietx irritornata. Kien il-lavrant tiegħu Clayton Saliba Hersey li kera il-vettura lil żewġ nisa iżda meta ltaqa ma Azzopardi nduna li ma kienitx waħda minn dawk in-nisa.[27] F'dik l-istqarrija Pearsall ikkonferma l-firma tiegħu fuq il-*LES Penalty Points Declaration*.[28]

**Carmel Vella** ukoll ikkonferma l-istqarrija rrilaxxata minnu fejn anke għaraf lill Helen Bugeja li kienet akkumpanjat lil oħtha Natasha meta marret ix-*showroom*. Dik il-vettura kien sar it-trasferiment fuqha.[29] F'dik l-istqarrija kien ikkonferma l-firma tal-imgħallem tiegħu, Alfred Mansueto, fuq il-*LES Penalty Points Declaration*.[30] Helen biss għaraf bħala l-persuna li ġabitlu d-dikjarazzjoni iffirmata minn suppost Shagana Azzopardi.

---

[21] Fol.106-108 u fol.112 fejn terġa ttenni li **kull fejn tidher il-firma allegatament tagħha din fil-fatt qatt ma saret minnha**.
[22] Fol.108-109
[23] Fol.110
[24] Fol.111
[25] Fol.112
[26] Fol.91-92
[27] Fol.129-130
[28] Fol.91 b'riferenza ghal dokument a fol.84-89
[29] Fol.140-143
[30] Fol.71 b'riferenza ghal dokument a fol.74-75

**Christian Joseph Bartolo** in rappreżentanza ta' Melita plc. xehed li n-numru **77778893** (erba' 7) jappartjeni lil Mark Leon Kelly.[31] Hawn il-prosekuzzjoni lanqas indunat li dan xehed fuq numru iehor u mhux dak li l-imputata Natasha Bugeja ikkonfermat li hu tagħha fl-istqarrija u cioe in-numru **777**88893 (tlett 7)!!

Ikkunsidrat ukoll,

Il-Qorti tibda biex tissottolineja li l-stqarrijiet rilaxxati minn Freddie Mansueto, Clayton Saliba Hersey u Samuel Zammit baqaw ma ġewx ikkonfermati bil-ġurament, u għalhekk l-Qorti ma tistax ittihom forza probatorja.

Kuntratt mal-Melita

Dwar il-kuntratt tal-Melita, la tqabbad espert kalligrafiku biex jeżamina l-firma u jqabbilha ma dik tal-imputati u lanqas tressaq sabiex jikkonferma l-istqarrija rrilaxxata minnu.

Madanakollu, **Natasha Bugeja fil-kors tal-istqarrija rrilaxxata minnha, ikkonfermat[32] li l-Facebook post li telgħet kienet tassew saret minnha fejn fuq l-istess post hemm ndikat in-numru 77788893**.[33]

Iktar minn hekk l-istess Azzopardi xehdet li dak in-numru kien ġie indikat lilha minn rappreżentat tal-Melita, tant li ikkonfermat li l-firma fuq il-kuntratt[34] maħruġ f'isimha ma kienitx tagħha. Fl-istess kuntratt jidher in-numru abbinat miegħu w ċioe 77788893.[35] Iktar minn hekk l-imsemmi kuntratt, datat il-15 ta' Settembru, 2020, jindika n-numru tal-karta tal-identità ta' Shanaga Azzopardi bħala dak 463392M li tassew jappartjeni l-parte leża kif jixhed il-Current Incident Report li ġie konfermat bil-ġurament tal-Ispetturi Investigattivi.

**Għaldaqstant ġiet pruvata sal-grad rikjest mil-liġi, fil-konfront tal-istess Natasha Bugeja biss l-imputazzjoni ta' frodi** għad-dannu kemm tal-istess Melita, li spiċċaw daħlu f'relazzjoni kummerċjali w jagħtu servizz lill-persuna li l-identità vera tagħha kienet injota għalihom. *Multo magis* ġiet iffrodata l-istess Shagana Azzopardi minħabba li iddaħħlet f'relazzjoni kummerċjali bil-konsegwenzi kollha potenzjali li tali relazzjoni iġġib magħha.

[31] Fol.145 et seq
[32] Fol.16
[33] Fol.51
[34] Fol.37 et seq
[35] Fol.47

J&K Rentals – Kiri ta' Suzuki DQZ353

Ghalkemm Karl Pearsall ikkonferma id-Dikjarazzjoni li fuqha tidher firma ta' Shagana Azzopardi u kopja tal-liċenzja tas-sewqan, ma kienx hu li kellu kuntatt mal-persuna li ipproduċiet id-dokumenti.

Kien mistenni mill-prosekuzzjoni li tressaq lil Clayton Saliba Hersey biex issir d-debita prova dwar l-imputazzjonijiet li għoġobha tixli lill-imputati bihom iżda dan ma għamlitux. Wisq anqas mal-prosekuzzjoni ma tellgħet xhud mill-LESA sabiex tikkonferma d-dokument a fol.98 fejn jidher li x-xufier/a tal-vettura li ingħatat iċ-ċitazzjoni hemm indikata kienet tgħat il-karta tal-identità tagħha li hi propju dik li tappartjeni lil Natasha Bugeja u cioe 311798M.

Minkejja dawn ix-*shortcomings* tal-prosekuzzjoni, il-Qorti tinnota li Shanaga Azzopardi xehdet[36] kif wara li mill-bank infurmawha bis-sekwestru u tawha kopja tiegħu,[37] li kien sar fuq il-kont tagħha minn J&K Rentals, hi għamlet kuntatt magħhom u dan għaddewlha messaġġi (chats) li ġew esibiti minnha fejn in-numru li kien qed issir kuntatt miegħu minn Karl Pearsall kien propju n-numru 77788893![38]

Din id-dokumentazzjoni ġiet ppreżentata u tikkonferma kif b'mod frawdolenti l-imputata **Natasha Bugeja għamlet ħsara lil Azzopardi meta bl-għemil tagħha kkawżat li jinħareġ mandat ta' sekwestru fuq il-kont tal-parte leża**.[39]

Chanlai Auto Dealers - Trasferiment ta' Penalty Points re: Mercedes JBU637

Carmel Vella kien hu li għadda dokumenti li nġabulu minn Helen Bugeja sabiex *penalty points* jinqalbu ghal fuq Shagana Azzopardi. M'hemmx dubbju li l-istess imputata kienet konxja li Shagana Azzopardi ma kellha l-ebda involviment fuq id-dokumenti li għaddietlu peress li kienet l-istess Helen li skond Vella kienet akkumpanjat lil oħtha Natasha meta inxtrat minnha l-vettura Mercedes.

Dak li ġie pruvat hu li dan id-dokument serva bħala mezz ai fini sabiex l-imputati ffrodaw lil Shagana Azzopardi li sfat kastigata intortament meta *penalty points* ġew trasferiti ghal fuq il-liċenzja tagħha. Għaldaqstant anke Helen Bugeja għandha twieġeb għall-għemil tagħha f'din iċ-ċirkostanza fejn din aġixxiet ta' kompliċi fl-għemil kriminuz ta' oħtha Natasha.

[36] Fol.97
[37] Fol.95
[38] Fol.96
[39] Fol.95-98

Ikkunsidrat ukoll,

Illi l-imputati ma ġewx addebitati bir-reat ta' użu ta' dikjarazzjoni falza jew ta' dokument iffalsifikat, reat li ċertament jirriżulta.

Iċ-ċertezza legali dwar il-falsifikazzjoni ta' dokument u l-għoti ta' dikjarazzjoni falza jirriżultaw pruvati fil-konfront ta' Natasha Bugeja in kwantu għall-kuntratt li sar mal-Melita, fejn kienet hi stess li tikkonferma li daħħlet f'kuntratt ma din l-intrapriża, kif ukoll dwar il-kiri tal-vettura Suzuki mingħand J&K Rentals Ltd.

Kif intqal iżda r-reat ta' frodi ġie pruvat in kwantu ghal-kuntratti saru ma dawn iż-żewġ azjendi kif ukoll rigward it-trasferiment tal-*penalty points* fuq il-Mercedes. Hawnhekk jingħad li anke LESA, **awtorità pubblika** li lilha ġew preżentati il-*LESA Penalty Points Declaration*, ġiet ingannata meta sar it-trasferiment tal-*penalty points* ghal fuq Azzopardi. L-istess ġa ingħad rigward Melita li sfat tagħmel kuntratt ma persuna fittizja.

L-uniku benefiċċjarja tal-għemil frawdolenti li seħħ permezz tal-użu ta' dikjarazzjonijiet u dokumenti ffalsifikati kienet Natasha Bugeja. M'hemmx dubbju li Shagana Azzopardi sofriet telf patrimonjali meta ma setgħetx tagħmel użu minn flusha in segwitu tas-sekwestru impost fuqha b'konsegwenza tal-għemil ta' Natasha Bugeja, kif ukoll saritilha ħsara meta inqalbu fuqha penalty points li ngħataw lil Bugeja.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Walter Zammit**, il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkunsidrat:[40]

> . ...... L-appellant jikkontesta s-sejbien ta' ħtija billi jisħaq illi ladarba irriżulta l-falsifikazzjoni allura l-appellant seta' biss jinstab ħati għal dan ir-reat u mhux għal dak tal-frodi, u ukoll illi l-parti offiża ma sofriet ebda telf patrimonjali sabiex b'hekk kemm l-element tal-messa in xena u allura l-att materjali huwa nieqes kif ukoll huwa nieqes l-element tat-telf patrimonjali għal vittma konsegwenzjali għall-uzu ta' ingann jew raġġiri.
>
> Issa huwa indubitat illi l-appellant uża dak l-apparat estern li titkellem dwaru ilġurisprudenza sabiex isaħħaħ il-fehma fil-menti tal-iffrodat li wasslu biex jagħtih fiduċja u jikkonċedielu il-kreditu mitlub. Illi, dwar l-artifizzji intqal illi:

[40] Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.; Appell Nru: 420/2016; Seduta 26 ta' Novembru 2021

**"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi *"quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*** [41]

Illi, ukoll, għar-reati ta' truffa hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali, l-istess Qorti iċċitat lill-Imħallef Guze Flores fejn qal illi –

> ...kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza talfalsita prospettata bħala vera u b'hekk bħala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene.
>
> ….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni talfrodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tiegħu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn ilkliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tarreat fil-mument tal-konsumazzjoni tiegħu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.

Illi, għalhekk sabiex jissussisti r-reat tal-frodi hemm bzonn illi jeżistu:

> **"I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)**

Illi, għar-rigward ta' dana l-element soġġettiv tar-reat tat-truffa, kif ġie ritenut millawtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Patrick Spiteri", deċiza fit-22 t'Ottubru 2004) –

> **L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato.**

[41] **Il-Pulizija vs Charles Zarb** – App. Inferjuri - 1993

Illi, in oltre, a rigward dak li jikkonċerna it-telf patrimonjali, f'sentenza mogħtija millCassazione Sez.Un.16.12.1998, ġie stabbilit illi –

> **Il reato di truffa costitusice un delitto istantaneo e di danno che si perfeziona nel momento in cui alla realizazzione della condotta tipica dell'autore abbia fatto seguito la diminutio patrimonii del soggetto passivo: mentre dunque, il requisito dell'ingiusto profitto puo comprendere in se qualisiasi utilita' anche a carattere non strettamente economico, l'elemento del danno deve avere necessariamente contenuto patrimoniale e consistere in una lesione concreta tale da determinare la perdita effetiva del bene.**

Illi mill-provi prodotti, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti, tirriżulta ampjament il-messa in xena li kkomplotta l-appellant sabiex jikseb vantaġġ għas-soċjeta' minnu ġestita, u dana tramite' id-dokumenti ffalsifikati sabiex jingħataw faċilitajiet bankarji. Dan seħħ meta' l-appellant ħa vantaġġ mill-vulnerabbilita' ta' mara anzjana u li kieku ma kienx għanneputi tagħha li kixef dak li kien għaddej, l-ingann kien jibqa' jiġi ipperpetrat, blanzjana issofri telf patrimonjali meta ma setatx tagħmel użu mill-patrimonju tagħha u ċioe' mill-flus li kellha iddepożitati fil-bank. Illi allura l-appellant m'għandux raġun meta jisħaq illi l-parti offiża ma sofriet ebda ħsara patrimonjali u dan għaliex Cassar għamlet perijodu ta' zmien mingħajr aċċess liberu għall-finanzi tagħha u dan minħabba l-aġir frawdolenti tal-appellant,......

## L-addebitu tar-Reċidiva fil-konfront ta' Natasha Bugeja

L-addebitu tar-reċidiva ġie pruvat hekk kif fis-sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr. Francesco Depasquale,[42] tirriżulta l-identità tal-imputata billi hemm indikat in-numru tal-karta tal-identità tagħha.

## Ksur ta *bail* fil-konfront ta' Natasha Bugeja

Minkejja li l-prosekuzzjoni ma resqitx lill-Ispettur Elliot Magro sabiex tipprova l-imputazzjoni dwar ksur ta' *bail* mogħti nhar it-8 ta' Frar 2018,[43] l-imputata ffirmat id-dokument tal-garanzija personali fejn fuqu hemm indikat in-numru tal-identità **flimkien mal-firma** tal-imputata odjerna Natasha Bugeja.[44]

Madanakollu l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova li meta seħħ l-għemil inkriminat, dak id-digriet kien għadu fis-seħħ u għaldaqstant il-Qorti ġiet prekluza milli ssib ħtija, kif tassew kien jimmerita lill-imputata, ghal dan ir-reat! Dan jingħad fuq l-insenjament pronunċjat *inter alia* bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Tyson Grech**:[45]

---

[42] **Dok.O** a fol.21
[43] Fol.11
[44] Fol.13
[45] Qorti tal-Appell Kriminali, Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri; Deċiża 11 ta' Jannar 2024; Appell Numru 367/2021/1

Illi r-raba' aggravju tal-appellant huwa marbut mas-sejbien ta' ħtija tiegħu fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni. Huwa jisħaq li l-Ewwel Qorti ma setgħetx b'mod legali u raġonevoli tasal għas-sejbien ta' ħtija tiegħu fejn ġie determinat li huwa kiser il-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest u dana minħabba nuqqas ta' provi. Jgħid li x-xiehda tal-iSpettur Joseph Scerri mhijiex biżżejjed u li kellu jittella' jixhed ir-Reġistratur tal-Qorti. Ikompli li rraġunament tal-Ewwel Qorti mhuwiex korrett għax huwa mhux tenut iressaq l-ebda prova u li huwa l-obbligu tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-każ tagħha.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li sabiex tiġi ppruvata r-raba' (4) imputazzjoni kien meħtieġ is-segwenti:

- l-identita' tal-persuna imniżżla fid-digriet;
- il-konferma li fil-jum meta ġie kommess ir-reat de quo l-kawża li fiha jkun ingħata l-ħelsien mill-arrest relattiv kienet għadha mhux konkluża;
- id-digriet dwar il-ħelsien mill-arrest kien għadu fis-seħħ; 367/2021/1 NC 25
- l-azzjoni inkriminata kienet bi ksur ta' tali kondizzjonijiet imsemmija fid-digriet.

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-16 ta' Diċembru 2021 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Caruana** (Numru 208/2020) fejn din il-Qorti qalet hekk:

> "10. Din il-Qorti tqis li dan ma kienx proċeduralment korrett. B'hekk l-ilment tad-Difiża f'dan il-każ jimmerita li jiġi milqugħ Din il-Qorti, u l-Qorti tal-Maġistrati qabilha, ma tista' tassumi xejn. Jispetta lill-Prosekuzzjoni li turi bi provi ammissibbli, fl-istadju prepost għal produzzjoni tal-provi tagħha li jkun ġie kommess il-fatt vjolattiv tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, li l-istess fatt ikun seħħ ukoll waqt li kien hemm kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest li kienu għadhom jorbtu lill-ġudikabbli, kif ukoll li tipprova dawk il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest hekk viġenti bl-aqwa prova li huwa l-kopja legali integra u sħiħa tal-istess digriet – inkluż bl-emendi jew żidiet li jkunu saru wara l-emanazzjoni tad-digriet tal-ħelsien mill-arrest oriġinali. Jekk dan ma jkunx sar, allura ma jkunx jista' jitqies integrat ir-reat de quo."

Illi fir-rigward ta' dak imsemmi mill-appellant fl-aggravju in eżami fejn jgħid li kellu jitressaq ir-Reġistratur tal-Qorti u li x-xiehda tal-iSpettur Xerri ma kinitx biżżejjed, din il-Qorti tinnota li dan mhux neċessarju kif del resto diġa' ngħad minn din il-Qorti kif preseduta fis-sentenza tagħha mogħtija fit-22 ta' Mejju 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Tyson Grech** (Numru 293/2022/1).[46] Illi d-digriet (Dok. "JX" – a fol. 279) iġib id-data tas-26 ta'April 2019 ċioè qabel ma l-appellant wettaq ir-reat mixli bih f'dan il-każ. Fix-xiehda tiegħu mogħtija fl-1 ta' Diċembru 2020, l-iSpettur Joseph

---

[46] Illi quddiem l-Ewwel Qorti l-Prosekuzzjoni donnha ma għamlitx distinzjoni bejn il-prova tal-identita' għall-fini tar-reċidiva u l-prova li trid titressaq fil-każ li persuna tkun mixlija li kisret il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest. F'dan il-każ, minbarra d-digriet, konnotati, identifikazzjoni eċċetra l-Prosekuzzjoni trid tipprova wkoll li l-proċeduri li fihom dawk il-kundizzjonijiet ikunu ngħataw ikunu għadhom pendenti fil-mument meta jkun ġie kommess id-delitt ta' natura volontarja. Dan għaliex fil-każ li dawk il-proċeduri kriminali jkunu ġew mitmuma, jintemmu wkoll il-kundizzjonijiet marbuta magħhom – salv il-każ t'appell mis-sentenza fejn jistgħu ikunu ritenuti viġenti skont Artikolu 416(1A) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ din il-prova tal-viġenza tal-proċeduri penali fil-mument talkommissjoni tad-delitt ta' natura volontarja ma nġabitx mill-Prosekuzzjoni u għalhekk il-Qorti ma tistax tassumi li kienu għadhom pendenti ladarba din il-prova ma tressqitx fl-atti mill-Prosekuzzjoni

Xerri (a fol. 277) jikkonferma li l-kondizzjonijiet tal-liberta' proviżorja kienu għadhom in vigore. Jirriżulta li huwa kien l-Uffiċjal Prosekutur tal-każ fejn l-appellant ingħata l-ħelsien mill- 367/2021/1 NC 26 arrest in kwistjoni tant li huwa kkonferma l-identita' tal-appellant allura imputat. Minn dan id-digriet jirriżultaw il-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest u din il-Qorti effettivament tista' tikkonstata li ladarba ġiet konfermata l-ħtija tal-appellant fl-ewwel (1) imputazzjoni, b'hekk waħda mill-kondizzjonijiet tkun inkisret.

Illi għalhekk r-raba' aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset in-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-fedina penali tal-imputata Natasha Bugeja, u taċ-ċirkostanzi tal-każ u senjatament tal-fatt li l-għemil dannuż tal-istess Bugeja kien mifrux fuq xejn anqas minn tlett istanzi. Ingħata piż ukoll għal fatt li Natasha Bugeja hi reċidiva u għalhekk ma tistax tgawdi minn sentenza sospiża. Il-fatt li tul il-proċeduri baqgħet ma wriet l-ebda rimors għall-għemilha jitkellem volumi dwar il-karattru tagħha kemm versu Azzopardi u aktar u aktar versu l-entitajiet kollha li ngannat, fosthom awtorità pubblika (LESA) kif ukoll is-soċjetà in ġenerali.

In kwantu ghal Helen Bugeja minbarra li qieset in-natura tal-imputazzjoni li qed tinstab ħatja dwarha ittieħed ukoll kont tal-fedina penali netta tagħha fi żmien li sar ir-reat.

Il-Qorti qieset li bejn it-tieni u r-raba imputazzjoni japplika l-prinċipju tal-konkors formali ta' reati fejn il-piena l-aktar gravi hi dik kontemplata bl-ewwel imputazzjoni u li dawn ir-reati kif ukoll it-tielet imputazzjoni servew bħala mezz ai fini għall-ewwel reat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi,

A. Fil-Konfront ta' Helen Bugeja-

Il-Qorti wara li rat l-artikoli 42(d), 308 u 310(c) tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li ssib ħtija f'Helen Bugeja fl-ewwel imputazzjoni bħala kompliċi w tilliberaha mill-imputazzjonijiet l-oħra kollha, tikkundannaha ghal erba' (4) xhur priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jiġu sospiżi ghal sena (1) millum.

B. <u>Fil-konfront ta' Natasha Bugeja-</u>

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31, 49, 50, 183, 188(1)(2), 308 u 310(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali, issib lil Natasha Bugeja ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħha u tikkundannaha **tmintax (18) il-xahar priġunerija**.

A tenur tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qed toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputati a favur ta' Shagana Azzopardi ghal żmien sentejn (2) millum.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**